# Il-Kwadru Titulari tal-Qalb ta' Ġesù fis-Santwarju tal-Fontana

**Aaron Formosa**

Il-kwadru titulari tal-Qalb ta' Ġesù fis-Santwarju tal-Fontana tpitter mill-famuż pittur Malti Giuseppe Calì (1846 -1930). Kien ordnat fl-1902 u tlesta f'nofs is-sena 1904. Sewa s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira li tħallset minn ċerta Karmena Agius minn tas-Sliema minħabba d-devozzjoni kbira li kellha lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Il-figura dominanti ta' Ġesù, b'id waħda tipponta 'l fuq lejn is-sema u b'id l-oħra turi l-Qalb Imqaddsa tiegħu, tokkupa l-parti ċentrali tal-kwadru. Ġesù hu liebes libsa ħamra tagħti kemmxejn fl-oranġjo b'mantar ikħal. Dawn iż-żewġ kuluri jikkumplimentaw ħafna viżwalment u għalhekk awtomatikament mill-ewwel jiġbdu l-għajn. Bis-saħħa ta' dijagonali skemati minn Calì, li jibdew mill-id merfugħa ta' Kristu u jibqgħu neżlin mal-piegi tal-mantar ta' Ġesù, għajnejna dritt imorru fuq sieq il-leminija ta' Ġesù li tindika għajn ta' ilma ħierġa minn taħt din is-sieq. Din l-għajn tirrappreżenta l-għajn tal-ilma tas-salvazzjoni jew l-ilma tal-grazzja li jekk ma neħdux minnu ma nistgħux niksbu l-ħajja ta' dejjem (Infatti hemm il-kliem *Fons Vitæ* - jiġifieri 'Għajn tal-Ħajja'- miktuba biex isaħħu dak li qegħdin ngħidu). Fuq in-naħa tal-lemin-isfel tal-kwadru jidhru xi persuni li "kollhom ferħana jimlew l-ilma mill-għajn tas-salvazzjoni" (Is. 12, 3). Ta' min jiftakar hawnhekk il-kliem li Kristu qal lis-Samaritana: "...min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem." (Ġw. 4, 14). Għalhekk it-tema li Calì qed iwasslilna permezz tal-pittura għandha messaġġ teoloġiku qawwi u profond. Ta' min jgħid ukoll li t-tema tal-għajn tirrelata ħafna jew tirreferi għall-isem tar-raħal Fontana li hu derivat mill-preżenza ta' nixxiegħa t'ilma (l-Għajn il-Kbira) li hemm fiċ-ċentru tal-villaġġ. Infatti l-isem oriġinali tar-raħal hu Triq il-Għajn.



Fuq in-naħa tax-xellug ta' Kristu hemm anġlu jżomm l-arma t'Għawdex u jidher li qed jindika lil Kristu biex lil din il-gżira Hu jżommha dejjem f'qalbu. L-anġlu tan-naħa tal-lemin ta' Kristu jidher qed iżomm il-mantar tal-Imgħallem Divin, waqt li fl-istess ħin qed ikennen it-trirenju, simbolu tal-Vigarju ta' Kristu fuq l-art, il-Papa. It-tliet figuri li jidhru taħt dan l-anġlu jidhru li qed jixorbu jew jittallbu l-ilma tal-ħajja mingħand Kristu. Dawn il-figuri flimkien mal-anġli jiffurmaw ċirku li jdur madwar Kristu, li Hu ċ-ċentru tal-attenzjoni. Iċ-ċirku jew il-forma ovali jirrepeti ruħu f'imkejjen oħra tal-kwadru: fl-iskutella li qed iżżomm f'idha waħda mill-figuri, fl-arma ovali li qed iżomm wieħed mill-anġli u fis-sema miftuħ f'forma ovali wara l-figura ta' Kristu. Din ir-repetizzjoni toħloq sens t'armonija u unità.

Jidher li Calì uża skema ta' kulur ibbażata fuq erba' kuluri prinċipali: l-aħmar, l-oranġjo, l-ikħal u l-aħdar.